MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' Awwissu, 2005

Numru 258/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Louise Vella**
**V**

**DABIA ABDUL BASET**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **DABIA ABDUL BASET** ta’ tlieta w tletin sena bin Mohammed u Mabrouka nee Bin Daw, imwieled Tripoli nhar l-hamsa ta' Jannar 1969 u residenti 2, Triq il-Mithna, Zurrieq, detentur tal-karta tal-identita numru 19563M, gie imressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fiz-Zurrieq, nhar t-tlieta ta' April 2002 bejn s-siegha u l-erbgha w nofs ta' wara nofsinhar bil-vjolenza ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' martu Sharon Dabia;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil martu Sharon Dabia kontra l-volunta taghha, matul liema sekwestru Sharon Dabia giet offiza fuq il-persuna;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' martu Sharon Dabia skond ma ccertifika Doctor S. Zammit tal-Floriana Health Centre.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom u b'mod partikolari l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Lulju 2002 [fol 52] sabiex f'nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat dawn il-proceduri jigu decizi bi procedura sommarja kif provdut fl-artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodici Kriminali.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta' nhar t-tmienja ta' Gunju 2004 [fol 147].

Semghet x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lil imputat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tlieta ta' Awissu 2005.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar s-sitta ta' April 2002 xehdet Sharon Dabia** [fol 4] fejn qalet li hi ilha mizzewga lil imputat odjern ghal dawn l-ahhar hames snin u ghandhom tifla in komuni li jisimha Sarah. Qalet li l-ahhar sena ma kienetx qed tghix mal-imputat w in effetti kienet telqet mid-dar u marret dar Mehba Bik u ghamlet perjodu ta' sena tghix hemmhekk.

Stqarret li matul l-perjodu ta' wara li hi marret tghix z-Zurrieq flimkien ma ommha u bintha ta' hames snin, l-imputat baqa jghix fid-dar matrimonjali li kellhom z-Zurrieq. Qalet li minhabba t-tifla, hi ghandha kuntatt mal-imputat fis-sens li hu ghandu access ghal bintu w ghalhekk kienu jiltaqghu.

Spjegat li nhar t-tlieta ta' April 2002, l-imputat kien mar ghandha d-dar fejn kienet toqghod, ghal habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu u ried li takkumpanjah ghal phone box sabiex icempel lil xi hbieb tieghu. Qalet li hi ma rieditx tmur u bdew jilletikaw u f'dak l-hin nizlet ohtha Maria li ghandha tmintax il-sena, u t-tlieta li kienu bdew jilletikaw bejniethom. Qalet li sussegwentement l-imputat telaq u ha lil bintu mieghu u qalilha sabiex imur jigbor lit-tifla wara nofs siegha minn hdejn hanut li hemm faccata tal-knisja tan-Nigret. Qalet li sussegwentement, hi marret fejn kienu ftehmu u ma sabitx lil imputat hemmhekk w ghalhekk regghet irritornat lura d-dar, halliet naqra u cemplet lil imputat fuq il-mobile tieghu li jgib in-numru 09875913 u dan qalilha biex tmur tigbor lil bintha Sarah ghaliex hu ma kellux aptit joqghod jitla biha w ghalhekk regghet marret il-pjazza taz-Zurrieq, nizlet lejn in-Nigret ghal pjazza fejn sabet lil imputat gewwa bar u lil binthom barra fit-triq lil hinn mill-bar.

Qalet li hi qalet lil imputat li kienet sejra u hu qalilha biex ma tmurx u li kellha tmur d-dar mieghu. Qalet li hu xtara hobza mill-hanut, u bdew telghin lejn d-dar fejn kien joqghod hu u f'dak il-waqt hi bdiet tghidlu li hi xtaqet tmur d-dar fejn kienet qed toqghod mhux fejn kien qed joqghod hu pero hu insista li kellha tmur f'daru. Qalet li l-imputat beda jghidilha biex tidhol bilfors. Mistoqsija jekk hi ghajjtitx, ix-xhud wiegbet fin-negattiv minhabba t-tifla biex ma tbezzghahiex.

Qalet li t-teacher ta' bintha kienet baghtet ghaliha biex tghidilha biex ma joqghodux jiggieldu fil-presenza tat-tifla peress li t-tifla kienet qed turih li kien hemm xi haga hazina d-dar. Qalet li lil imputat kienet qaltlu dwar din il-kwistjoni tat-teacher u li kienet t-tieni darba li kienet qaltilha hekk. Qalet li dahlu d-dar u l-ewwel qaghad jiekol

il-hobza li kien xtara flimkien ma bintu w imbaghad qal lit-tfla sabiex titla fuq u toqghod tirrangalu r-ritratti u hi [ix-xhud] kienet isfel fil-kcina bil-qieghda u l-imputat ried li jkollhom x'jaqsmu bejniethom. Qalet li hi bdiet tghidlu li xtaqet tmur lura f'darha peress li kellha ccempel lit-tabib, hu nezzghelha l-qalziet u hi bdiet tghidlu li ma rieditx li jkollha x'taqsam mieghu u biex ihalliha tmur lura d-dar. Qalet li qaltlu wkoll li ma setghax ikompli jikkmandha. Qalet li waqt dan d-diskors l-imputat kellu flixkun tal-whisky f'idejh u qalilha li jekk ma kienetx ser tghalaq halqha kien lest li jdahhlilha l-flixkun f'halqha. Qalet li fil-fatt hi nezghet il-qalziet tefghetu fuq siggu u kellhom x'jaqsmu bejniethom.

Ziedet tghid li l-imputat kien qalilha biex terga tmur mieghu u hi rrisponditu fin-negattiv. Qalet li mbaghad hu qalilha li kien ser jtellaghha fuq, jorbotha u jmur jixtri telecard biex ikun jista jcempel mill-phone box li kien hemm fil-qrib. Tellaghha fuq, kien hemm extension tad-dawl u wire tac-charger tal-mobile u wire tal-hadida tal-mghodija, tela fuq il-bejt u qala l-wire tal-inxir li kien ahdar, poggielha jdejha wara gisimha u <u>rabatha minn saqajha sa ghonqha waqt li kienet fuq is-sodda</u>.

Qalet li dak l-hin t-tifla kienet isfel tahsillu l-platti. Waqt li hi kienet mieghu fuq, t-tifla ppruvat diversi drabi titla fuq u hu kien johrog mill-kamra u jibghatha taghmel xi haga ohra u jaqbad lit-tifla u johrogha l' barra. Qalet li hi rnexxilha tinhall, nizlet isfel, caqilqet il-purtiera li taghti ghal barra, u ma ratux hemmhekk, pero kif nizlet mit-tieqa, qalilha biex tiftah l-bieb. Qalet li hi fethitlu, hu dahal, hi bdiet tghidlu li riedet tmur lura d-dar ghaliex kellha ccempel lit-tabib, pero hu kien qalilha li kellha tmur mieghu biex tiehu n-numru tat-tabib w iccempel lit-tabib minn phone box quddiemu. Qalet li hi qablet ma dan peress li kienet taf li kien ser ikun hemm xi hadd d-dar u b'hekk tkun tista tibqa hemmhekk w appena waslu hdejn d-dar t'ommha, kien ser ikaxkarha u dak l-hin bdiet twerzaq u mar missierha mill-ghalqa.

Qalet li ghaddiet il-bieb tal-ghalqa ta' missierha, u baqghet diehla sa gewwa u missierha beda jkellimhom. Spjegat li

missierha beda jghidlu lil imputat kemm kien qed jaqlalhom inkwiet. Qalet li l-imputat mhux l-ewwel darba li sawwatha u fil-fatt kisser d-dar kollha fuqha. Mistoqsija biex kien issawwatha, x-xhud wiegbet li kien isawwsatha b'kollox, b'wires, tazzi, xkupi, bil-ponn, b'idejh u b'saqajh. Qalet li hi ma kienetx tghid lil genituri taghha b'dan ghalkemm huma kienu jindunaw ghaliex kienu jarawha kollha tbengil. Qalet li anke l-kamra tas-sodda li kellhom qabel u l-bieb tal-kamra tal-banju kisser l-imputat. Ix-xhud qalet li lil imputat kienet telqitu peress li kien isawwatha u kien imur ma nisa ohra.

Qalet li fil-fatt kienet ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni minn ma zewgha. Qalet li kien ghal habta tal-erbgha jew l-erbgha w nofs ta' wara nofsinhar tat-tlieta ta' April li rritornat lura d-dar u dak l-hin t-tifla dahlet fil-kcina u ratha bil-flokk ta' taht biss u qaltilha "mela qeghda bil-patata barra" u dak l-hin hi ma wegbithiex.

Ix-xhud kompliet tghid li xahar qabel kien mar ghalihom Paceville meta kienet hi, ohtha u xi zewgt ihbieb taghha u beda jaghtiha, pero hi kien irnexxilha tahrab u marret ghand l-Pulizija u ghal ewwel l-Pulizija zammewh pero wara telquh. Qalet li dakinhar li kien bil-lejl kmieni filghodu, l-Pulizija kienu qalulha biex tmur d-dar u l-imputat kien mar warajha u nizzilha Bay Street, fejn kien hemm xi bini ghadu fi stat ta' kostruzzjoni u dahhalha fih. Qalet li matul t-triq l-imputat kien anke ta daqqiet u meta kienu hemmhekk wkoll kellhom x'jaqsmu bejniethom kontra l-volunta taghha.

Ix-xhud qalet li dwar l-incident tat-tlieta ta' April kienet tkellmet mas-social worker li ghandhom bejniethom u wara li ghamlet lejl ma torqodx, filghodu qabdet t-tifla u maret ic-Centru Hidma Socjali l-Hamrun w is-social worker kellha meeting u ghalhekk kellha terga tmur. Qalet li meta regghet marret u qaltilha l-istorja kollha, din qaltilha li ma setghetx tkompli serja hekk u li kien ahjar li tkellem lil Pulizija u fil-fatt kienet l-istess social worker li cemplitilhom lil Pulizija. Qalet li s-social worker kienet baghtitha taghmel certifikat mediku peress li kellha tbengil fuq

dirghajha u grif fuq ghonqha u wara marru jkellmu lil Ispettur [dawn l-allegati brix pero ma rahomx t-tabib].

Ix-xhud kompliet tghid li kienu ghamlu tlett xhur mizzewgin u matul dan l-perjodu kienet ghamlet xi zmien Merhba Bik. Qalet li kien ilha xi sena li telqet u harget mal-imputat fuq insistenza tieghu ghaliex kien jigri warajha.
Mistoqsija jekk kienx veru li kellha x'taqsam mal-imputat diversi drabi f'din s-sena ix-xhud wiegbet li hu kien icemplilha u jibqa jiffittha biex tohrog mieghu u ghalhekk bilfors kellha tmur mieghu. Qalet li meta ma kienetx tohrog mieghu ma kienx ihalliha bi kwietha. Mistoqsija jekk kienx ikollha x'taqsam mieghu kull darba li tohrog mieghu, ix-xhud wiegbet fin-negattiv. Qalet li hu kien icemplilha s-Sibt, u gieli harget mieghu u gieli le u li harget mieghu xi ghoxrin darba f'dik is-sena. Qalet li kull darba li hargu flimkien dejjem kellhom inkwiet bejniethom u jaqbadha minn ghonqha. Qalet li kwazi kull darba li harget mieghu kellhom x'jaqsmu bejniethom u meta dan ma kienx isir kien ikun ghaliex l-imputat kien ikun fis-sakra, kien jintefa fuq is-sodda u hi kienet tahrablu.

Mistoqsija ghaliex kull darba ma kienetx tahrablu ix-xhud wiegbet li jekk ma kienetx taghmel dak li jghid hu kien jaqbad jaghtiha. Qalet li rappporti lil Pulizija ghamlet biss kull darba li kien johdilha t-tifla. Qalet li hi kellha terrur pero rapporti dwar swat m'ghamlitx. Mistoqsija jekk kienetx tmur minn jeddha ix-xhud wiegbet li hi kienet tircievi t-telefonati biex tmur mieghu u lil tad-dar ma kienetx turihom biex ma taqlax inkwiet. Qalet li meta kien icemplilha hi kienet tghid li ma tridx u hu kien jghidilha biex tohrog mieghu bilfors ghaliex kienu imur ghaliha u ghal hbiebha. Qalet li kemm il-darba sawwatha zewgha pero hi qatt ma ghamlet rapport. Qalet li meta kienet tmur tipprova taghmel rapport kienu jghidulha biex tmur lura d-dar u tirranga ma zewgha. Qalet li meta kienet tohrog mal-imputat hu kien ikun ma shabu Gordon, Jessic, Sarah u xi hadd iehor jismu Reuben, kollha miz-Zurrieq li kollha kienu jafu li kienet tigi msawwta. Qalet li mal-imputat hi kienet tiltaqa gieli l-bandli u gieli n-Nigret u kienu jinzlu Paceville ma habib tieghu u jinzlu lura ma Gordon.

Qalet li s-Sibt ta' qabel hija harget mal-imputat u marru Paceville wara li l-imputat kien qabbad lil xi hadd icemplilha [certa Shirley] u meta cemplitilha lura biex tara x'riedet, din Shirley rrispondietha li ma riedet xejn minghandha. Qalet li t-tieni darba kienet cemplet certa Alicia u lil ommha bdiet tistaqsiha x'hin kienet ser tirritorna. Qalet li meta lestew minn Paceville qabdu tal-linja u marru z-Zurrieq. Qalet li hi kienet qalet lil imputat li ma rieditx tmur d-dar u hu kien qalilha li kellha tmur mieghu bilfors d-dar tieghu u kellha tmur bilfors. Qalet li s-Sibt kellha x'taqsam mieghu. Qalet li dakinhar hu ma kienx halliha tmur d-dar u ma rabathiex. Qalet li meta kienet tghidlu biex tmur d-dar ma kienx ihalliha, kien iridha tibqa mieghu hemmhekk. Qalet li kienet tmur mieghu ghaliex ma setghetx tmur kontra r-rieda tieghu. Qalet li nhar il-Hadd, l-imputat kien cemplilha u qalilha li xtaq ikellimha u li kien il-Belt. Qalet li marret l-pjazza taz-Zurrieq biex tixtri pakkett sigaretti u ratu hemmhekk u qalilha biex tmur mieghu u ma Gordon u Gordon u l-habiba tieghu marru jaraw film waqt li hi u l-imputat baqghu hdejn Fabian u anke dakinhar marret mal-imputat bilfors. Qalet li nhar l-Erbgha, meta l-imputat kien qed jixtri hobza, huma nizlu d-dar bil-mixi u kienu hi, l-imputat u binthom. Mistoqsija ghaliex ma telqitux dakinhar ix-xhud wiegbet li ma tkunx tista titlaq meta tkun mieghu ghaliex tibza u hu ma jhallihiex. Kemm il-darba kien jheddidha li ser joqtolha. Qalet li hi ma tghamilx rapporti dwar l-affarijiet taghha ghaliex ma thossix komda mal-Pulizija taz-Zurrieq u ghalhekk kienet marret tiftah qalbha mas-social worker Mariella nhar l-Erbgha u li s-social worker li kellha qabel kienet taf bil-problemi li kellha.

Qalet li qabel ma marret Merhba Bik kienet marret ghand il-Pulizija u kienu qalulha biex tmur taghmel certifikat mediku pero ma kienetx hadulhom. Qalet li damet Dar Mehba Bik xi hmistax u wara marret mal-imputat biex terga taghtih cans iehor. Qalet li darba kienet d-dar ma kugina taghha u kienu marru l-Pulizija minn rajhom peress li semghu xi storbju u kienu sabu lil imputat ikisser.

Qalet li lil Joseph Vella mill-Hamrun hi tafu u kienu jiccajtaw flimkien fuq l-internet. Qalet li kellmitu darbtejn w

iltaqghet mieghu l-Havana darba meta kienet wahedha u darba meta kienet ma habiba taghha. Qalet li hu ma kienx wahdu u hi kienet ma hbieb taghha u kienet qed titkellem ma Joseph Vella u ma Mark minn Naxxar. Qalet li lil Mark hi ratu kemm il-darba u kienet tiltaqa mieghu Paceville. Qalet li mieghu ltaqghet xi ghaxar darbiet. Qalet li hbieb irgiel ghandha. Qalet li l-imputat kemm l-darba talabha biex tiffirmalu biex igib passaport Malti w hi ma ffirmatlux. Qalet li gieli kellhom argumenti fuq irgiel u gieli l-imputat ried jirranga maghha u hi ma kienetx tkun trid ghaliex kienet taf li kien ikun irid jirranga maghha biex tiffirmalu biex igib passaport Malti. Qalet li mal-imputat ma tridtx tirranga minhabba dak li ghamlilha u minhabba l-fatt li joqghod jghajjarha qahba u peress li taf li jmur ma nisa ohra. Qalet li dakinhar tat-tlieta ta' April meta kienu mexjin lura d-dar ma tatx kaz jekk fit-triq kienx hemm nies kien mohha biss li titlaq minn hdejh u hu ma hallhiex tmur d-dar. Qalet li hi ghandha tlieta w ghoxrin sena u mobile m'ghandhiex peress li meta kellha, l-imputat kien hadilha s-sim card.

**Nhar l-erbgha ta' Dicembru 2002 regghet xehdet Sharon Dabia** [fol 57] fejn qalet li hi hafret lil imputat ghal dak li ghamlilha u li ma xtaqitx tkompli ghaddejja bil-proceduri kontra tieghu u dan regghet irrepetitu **meta regghet xehdet nhar t-tlieta ta' Mejju 2004** [fol 138].

Illi **nhar l-hmistax ta' April 2002 xehed Doctor Stanley Zammit** [fol 20] fejn qal li hu kien ezamina lil Sharon Dabia nhar l-erbgha ta' April 2002 ghal habta tas-siegha ta' wara nofsinhar u dan fil-Poliklinika tal-Floriana. Qal li kien sabilha brix fuq darha, taht ghonqha, li saru probabbilment b'xi dwiefer kif wkoll tbengila fuq l-ispalla xellugija li setghet saret permezz ta' daqqa jew ghafsa. Qal li jiftakar li kellha xi problemi maritali. Huwa esibixxa certifikat mediku li gie mmarkat bhala dokument SZ [fol 22].

Illi **nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 2004 reggha xehed Doctor Stanley Zammit** [fol 182] fejn ikkonferma li d-dokument SZ [fol 22] huwa certifikat mediku rilaxxjat minnu qal li t-tbengila setghet giet kagjonata jew ghaliex

habtet ma hajt jew b'daqqa ta' ponn, blunt trauma pero ma setghax sar wahdu, pero kienet qisha hakket ghonqha.

Illi **nhar l-hmistax ta' April 2002 xehdet l-Ispettur Louise Calleja** [fol 23] u esibit l-fedina penali tal-imputat li giet mmarkata bhala dokument SZ 1.

Illi **nhar t-tnax ta' Settembru 2003 regghet xehdet l-Ispettur Louise Calleja** [fol 66] fejn qalet li nhar l-erbgha ta' April 2002 xi hin wara nofsinhar kienet giet kkuntattjata minn certa Mariella, social worker mid-DVU dwar rapport t'allegazzjoni ta' stupru fuq Sharon Dabia minn zewgha l-imputat. Ix-xhud qalet li ftit wara kienu marru ghandha s-Social Worker Mariella u Sharon fl-ufficju taghha fejn Sharon Dabia spjegatilha li fit-tlieta ta' April 2002, bejn in-nofs siegha u l-erbgha ta' wara nofsinhar zewgha, li minnu kienet separata de facto, kien hadha fir-residenza fejn kien joqghod f'numru 2, Triq il-Mithna, Zurrieq, u gieghelha jkollham x'taqsam mieghu. Kien tellaghha fuq, rabatha bi hbula u wires, ghaliex ried ikun jaf ma min kienet qed taghmel kuntatt bl-SMS fuq il-mobile. [Sharon Dabia ma tghid xejn minn dan]. Qalet li wara li kienet infurmat lil Magistrat b'dan, Sharon Dabia giet invistata minn Doctor Yves Muscat Baron fil-klinika privata tieghu fil-Mosta u l-evidenza medika tieghu nghatat lis-serologista Robert Cardona. Qalet li Sharon wara tat x-xhieda taghha bil-gurament fejn ikkonfermat dak kollu li qalet lilha u ziedet tghid li zewgha kien qalilha li jekk tirrifjuta li jkollha x'taqsam mieghu kien ser idahhlilha flixkun tal-whisky fil-parti privata taghha. [Ghalkemm Sharon Dabia tghid li qal li kien ser jpoggihulha f'halqaha]. Spjegat li Sharon Dabia kienet qaltilha li kellha x'taqsam mieghu fil-kcina, u wara hadha u rabatha b'extension tal-wire tal-elettriku, charger tal-mobile u wires tal-hadida tal-mghodija kif wkoll wire tal-inxir. Qalet li kien rabatha minn fuq s'isfel. Qalet li Sharon Dabia kienet qaltilha li wara kienet inhallet u kif kienet ser tahrab gie lura l-imputat u ma halliex titlaq. Qalet li x'hin ra hekk, l-imputat qalilha biex tmur d-dar z-Zurrieq ghand ommha mieghu fejn kienet qed toqghod. Kif waslu fejn d-dar ta' ommha hu kien ipprova jigbidha lura u hi bdiet twerzaq u kien mar missierha u beda jilletika mal-imputat.

Ix-xhud qalet li dakinhar hi ordnat l-arrest tal-imputat pero dan ma kienx nstab u l-ghada kien gie rintraccjat mill-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzji u gie arresstat. Ziedet tghid li fil-hamsa ta' April 2002 l-imputat li gharfet presenti fl-awla kien irrilaxxja stqarrija fejn ikkonferma li kellu x'jaqsam sesswalment f'daru ma martu Sharon li kien minnha separat, pero nnega li dan kien sar kontra l-volunta taghha u li kien rabatha. Dakinhar stess filghaxija kienet saret tfittxija fir-residenza fejn kien joqghod l-imputat fejn gew elevati l-oggetti li semmiet martu Sharon li bihom kien allegatament rabatha.
Fis-sitta ta' April 2002 kien sar konfront bejnu u bejn Sharon Dabia fil-presenza ta' PC 225 Joseph Filletti u kif l-imputat nnega dak li rrappurtat hi, bdiet tibki u tghajjru giddieb. Ghalhekk wara hi regghet hadet stqarrija ohra tal-imputat pero dan baqa jinnega dak li rrappurtat martu fil-konfront tieghu.

Ix-xhud esibit stqarrija datata hamsa ta' April 2002 li rrilaxxja l-imputat wara li gie moghti s-solita twissija fil-presenza ta' PC 225 Joseph Filletti, li giet mmarkata bhala dokument LC 1 [fol 76] liema stqarrija hija ffirmata minnha, minn PC 225 Joseph Filletti u l-imputat stess ffirma u stqarrija ohra rilaxxjata mill-istess imputat nhar s-sitta ta' April 2002, wkoll wara li gie moghti s-solita twissija fil-presenza ta' PC 225 Joseph Filletti li giet mmarkata bhala dokument LC 2 [fol 74] li wkoll hija ffirmata minnha, mill-imputat u minn PC 225 Joseph Filletti. Ix-xhud esibit wkoll certifikat taz-zwieg ta' Sharon Dabia ma l-imputat li gie mmarkata bhala dokument LC 3, u dokument ufficjali li huwa identity card Libjana tal-imputat li gie mmarkat bhala dokument LC 4. Fuq wara ta' dan d-dokument hemm t-timbru tal-arrival meta l-imputat giet Malta jigifieri dan ghamel uzu minnu flok il-passaport.

Illi **nhar l-hmistax ta' April 2002 xehdet s-Social Worker Mariella Micallef** [fol 25] fejn esibit rapport li hija rreduciet fil-konfront ta' Sharon Dabia li gie mmarkat bhala dokument AP [fol 27].

Illi **nhar l-hmistax ta' April 2002 xehed Reuben Schembri** [fol 31] fejn mistoqsi jekk jiftakarx lil imputat presenti fl-awla x-xhud wiegeb li kien jafu peress li hu habib tieghu u gieli kienu johorgu flimkien. Mistoqsi jekk jafx lil Sharon Daiba, ix-xhud wiegeb li kien jafha wkoll. Qal li jaf fejn joqghod l-imputat pero ma kienx jaf fejn toqghod Sharon Dabia. Qal li meta johorgu flimkien ikunu hu u shabu pero dwar hajja privata taghhom ma kien jaf xejn. Qal li quddiemu l-imputat u martu qatt ma ggieldu, dejjem dehru nies normali. Qal li Sharon Dabia qatt ma tkellmet mieghu dwar l-imputat fis-sens kif kien igib ruhu maghha. Qal li l-ahhar li kien rahom flimkien kien xi xahar qabel. Qal li qatt ma jiftakar li kienu flimkien u l-imputat ma halliex titlaq lil Sharon Dabia. Qal li maghhom hi tkun normali u tkompli maghhom. Qal li mhux minnu li hu jaf li Sharon Dabia kienet qed tigi msawwta mill-imputat. Mistoqsi jekk jaf jekk kienetx tkun hi li ccemplet lil imputat biex johorgu flimkien ix-xhud qal li ma kienx jaf, hu kien jarhom flimkien u minn kien icempel lil min, ma kienx jaf.

Illi **nhar l-hmistax ta' April 2002 xehed Godwin Schembri** [fol 33] fejn qal li lil imputat jafu z-Zurrieq. Qal li hu habib tal-imputat u gieli hargu flimkien. Qal li lil martu Sharon Dabia jafha wkoll peress li gieli harget maghhom. Qal li hu jafhom bhala koppja li ma jghixux flimkien u mistoqsi ghaliex ma kienux jghixu flimkien wiegeb li ma kienx jaf. Qal li jaf li ghandhom tifla bejniethom. Mistoqsi jafx kif kien igib ruhu maghha ix-xhud qal li ma kienx jaf ghaliex ma kienux jitkellmu fuq dawk l-affarijiet. Qal li hu ma tantx jhobb ikun jaf fuq affarijiet ta' hajja privata ta' haddiehor. Mistoqsi jekk jafx li l-imputat kien jsawwat lil martu Sharon ix-xhud qal li hu ma kien jaf xejn dwar dan. Qal li kien ra lil imputat mal-mara tieghu nhar d-disgha ta' Marzu meta kienu hargu mieghu u marru l-Liquid Club f'Tal Balal. Qal li kienu marru hemmhekk bil-vettura tieghu ghaliex kien hu li ghadda ghalihom fid-dar fejn joqghod l-imputat. Qal li qatt ma ra lil imputat jsawwat lil martu Sharon. Qal li hi qatt ma dehret imdejjqa fil-fehma tieghu u gieli kienet thallas round hi u tiehu drink wkoll u gieli zifnet wkoll kemm wahedha, kemm mal-imputat kif wkoll ma shabu. Mistoqsi jekk hu qattx ra li hi riedet titlaq minn mal-imputat u hu ma halliex u kien jzommha, ix-xhud

wiegeb li ma kien jaf xejn minn dan u li qatt ma raha taghmel hekk. Qal sa fejn jaf hu, quddiemu qatt ma sar dan. Qal li ma kienx jaf jekk l-imputat kienx ghadu jhobb lil martu jew le. Mistoqsi jekk qattx ra lil Sharon tibki, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.

Illi **nhar l-hmistax ta' April 2002 xehdet Jessica Schembri** [fol 35] fejn qalet li lil imputat tafu u li gieli kellmitu ghaliex gieli hareg maghhom. Mistoqsija jekk tafx li l-imputat kien mizzewweg ix-xhud qalet li taf li kien mizzewweg lil Sharon Dabia u li gieli harget maghhom wkoll. Qalet li l-imputat quddiemha dejjem gab ruhu tajjeb fil-konfront ta' martu Sharon u qatt ma ratu jsawwatha jew itawwal ilsienu maghha; kien igib ruhu tajjeb maghha quddiemhom. Qalet li dwar il-hajja personali taghhom hi ma kienet taf xejn. Qalet li f'Sharon hi sabet habiba normali. Qalet li l-ewwel saret taf lil imputat u wara saret taf lil martu Sharon, t-tnejn f'sena wahda. Qalet li Sharon gieli harget maghhom u gieli wahedha u meta harget maghha dejjem hadet pjacir. Qalet li Sharon ma tantx kienet titkellem dwar il-familja u kienu jitkellmu fuq suggetti ta' hwejjeg u affarijiet hekk. Gieli tkellmet fuq zewgha pero fuq il-hajja personali qatt. Qalet li Sharon qatt ma tkellmet fuq l-problemi taghhom maghha pero hi kienet taf li gieli ggieldu u Sharon kienet tmur ghand ommha. Fuq x'hiex kienu jiggieldu ix-xhud ma kienetx taf.

Mistoqsija kif taf li kienu jiggieldu ix-xhud qalet li dan tafu ghaliex gieli suppost johorgu t-tnejn maghhom u tmur w ssib lil wiehed minnhom biss u gieli jghaddu ghalihom u jmur wiehed minnhom biss. Mistoqsija mill-Qorti fuq x'hiex kienu jiggieldu ix-xhud qalet li ma kienetx taf. Qalet li f'zewg okkazzjonijiet Sharon kienet qaltilha li ma kienux ser johorgu maghhom ghaliex kienu ggieldu. Qalet li qatt ma staqsietha fuq x'hiex kienu jiggieldu. Qalet li hi u Sharon ma kienux skola flimkien u li ma trabbewx flimkien u li kienu saru hbieb recenti, xi sena qabel. Qalet li hargu flimkien diversi drabi u hi qatt ma rat xi tbengil jew grif fuq il-persuna ta' Sharon Dabia.

Illi **nhar l-hmistax ta' April 2002 xehed Fabian Schembri** [fol 38] fejn qal li lil imputat jafu z-Zurrieq

peress li hu habib tieghu u gieli hareg mieghu. Qal li jaf li hu mizzewweg lil Sharon Dabia. Lil Sharon jafha wkoll u gieli hargu mieghu wkoll. Mistoqsi jekk qatt ra lil Sharon u lil imputat jiggieldu x-xhud wiegeb li qatt ma rahom jiggieldu. Mistoqsi jekk qatt ra lil Sharon b'xi tbengil jew grif fuqha x-xhud qal li qatt ma ra. Meta kien jara lil Sharon fil-kumpanija ta' zewgha l-imputat kien jarhom normali pero dan l-ahhar jahseb li m'ghadhomx jghixu flimkien w ghaliex ma kienx jaf.

Mistoqsi ghaliex jaf li ma kienx ghadhom jghixu flimkien ix-xhud qal li ghaliex gieli l-imputat kien jghidilholm li kien ikollu jmur jara lit-tifla tieghu u kienu jghaddu ghalih hdejn ommha. Qal li hu jitkellem mal-imputat pero fuq l-hajja privata tieghu ma jinteressahx. Qal li lil imputat kien ilu jafu xi sena jew sentejn u qatt ma staqsih ghaliex bintu ma kienetx qed tghix mieghu u ghaliex kien imur jarha ghand omm l-mara. Qal li hu mhux mizzewweg, guvni. Lil Sharon ilu jafha xi sena jew sentejn, kemm ilu jaf lil imputat. Mistoqsi fejn kienet qed toqghod Sharon ix-xhud qal li x'imkien lejn in-Nigret ghand ommha, pero jafha tghix mal-imputat go daru. Qal li fuq l-mara tal-imputat ma jitkellmux hu u l-imputat. Qal li hargu flimkien hafna drabi, xi ghoxrin darba u qatt ma ra lil Sharon tqatta xaghrha bid-dwejjaq, qatt ma raha tibki lanqas, dejjem raha tiehu pjacir.

Illi **nhar s-sitta ta' April 2004 xehed PC 225 Joseph Filletti** [fol 132] fejn qal li nhar l-hamsa ta' April 2002, fuq struzzjonijet tal-Ispettur Louise Calleja hu, flimkien ma WPC 146 ghamlu tfittxija fir-residenza tal-imputat 2, Triq il-Mithna, Zurrieq fil-presenza tal-imputat li gharaf presenti fl-awla, u fil-kcina go basket tal-plastic li kien b'zipper, kien hemm wire tal-inxir li esibih bhala dokument Z. Qal li fuq, qabel ma tidhol fil-kamra tas-sodda kien hemm hadida tal-mghodija li esibiha bhala dokument X u fl-istess kamra tas-sodda kien hemm wire tac-charger imqabbad mad-dawl li esibih bhala dokument Y u xi wire iehor li gie esibit bhala dokument W. Ix-xhud kompla jghid li l-ghada s-Sibt, kien presenti ghal konfront bejn l-imputat u martu Sharon Dabia fejn l-imputat baqa jichad li ried jkollu x'jaqsam sesswalment maghha u li effettivament kien rabatha fil-

kcina. Qal li Sharon Dabia fil-presenza tieghu bdiet tghajjar giddieb lil imputat.

Huwa kkonferma l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-hamsa ta' April 2002 [dokument LC 1 - fol 76] fejn fuqha gharaf kemm il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Louis Calleja kif wkoll tal-imputat. Ix-xhud ikkonferma wkoll l-istqarrija tal-imputat rilaxxjata nhar s-sitta ta' April 2002 - [dokument LC 2] fejn fuqha wkoll gharaf kemm il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Louise Calleja kif wkoll dik tal-imputat. Qal li l-oggetti minnu esibiti kienu gew indikati lilu minn Sharon Dabia qabel ma gew elevati. Qal li waqt il-konfront bejn l-imputat u martu, din tal-ahhar dehret imbezzgha hafna w imbikkma u baqghet tibki l-hin kollu u tghajjru giddieb.

Illi **nhar l-ghaxra ta' Novembru 2004 xehed Doctor Yves Muscat Baron** [fol 166] fejn ppresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument YMB a fol 169 et seq tal-atti. Qal li fis-sebgha ta' April 2002 hu ezamina lil Sharon Dabia fejn sab li kellha griehi fuq il-persuna taghha. Qal li dakinhar din dehret anzjuza hafna u l-pressjoni taghha kienet 140/80 meta suppost li tkun 120/80. Kellha area zghira ta' hmura ta' tlett centimetri taht r-right sub costal region u meta staqsiha minn fejn giet din l-hmura, Sharon qaltlu li kienet barxitha.

Mill-ezami ginekologiku li ghamel ma rrizultaw ebda injuries. Qal li ha swabs bhal vaginal swab, kemm external kif wkoll internal u aspiration ta' salina mill-parti privata ta' Sharon u ghamel *pregnancy test* li rrizulta negattiv.

Qal li martu Sharon kienet qaltlu li kienet marret kontra r-rieda taghha fil-fond residenzjali ta' zewgha peress li bezghet li kien ser jghamlilha x'incident f'nofs il-pjazza pero ma qaltlux li b'xi mod huwa uza xi forza fuqha biex hadha d-dar u appena dahlet d-dar, l-imputat ordna lil bintu titla 'l fuq. Qal li Sharon qaltlu li appena t-tifla telghet fuq, zewgha uza forza biex nizzlilha l-qalziet u qabadha minn ghonqha u ghamel att sesswali maghha u kien hemm *full penetration* u *ejaculation*. Qal li qaltlu wkoll li l-ebda condom ma kien intuza dakinhar. Qal li din qaltlu li

wara l-att sesswali l-imputat taha daqqa f'wiccha u rabtilha rasha u saqajha.

Qal li meta ezaminha l-ghada tal-allegat incident, ma sab ebda sinjali medici li juru dan, ma sab ebda marki fuq gisimha li jikkorroboraw dan li qaltlu. Qal li lilu qatt ma semmietlu xi *charger* jew xi wire tal-inxir jew xi haga bhal dan. Qal li lilu qatt ma qaltlu li jekk ma thalliehx jkollu x'jaqsam maghha l-imputat kien ser jdahhlilha xi flixkun tal-whisky fiha. Minn ezami li hu ghamel **ma kien hemm ebda sinjali ta' forza** fuq gisem Sharon Dabia. Qal li hi qatt ma qaltlu xejn dwar jekk kelliex xi relazzjonijiet precedenti mal-istess zewgha b'mod li kellha att sesswali mieghu.

Illi **nhar l-ghaxra ta' Novembru 2004 xehed Robert Cardona** [fol 173] fejn ppresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument RC [fol 175]. Qal li hu kien gie mghoddi tlett kampjuni, *lower vaginal swab, high vaginal swab, vaginal saline wash*. Minn ezami li hu ghamel fuqhom taw rizultat negattiv ghal presenza ta' *spermatozoa* kif wkoll ghal presenza ta' *acid phosphate* li huwa element ewlieni tas-semen.

**L-imputat ghazel li jixhed u nhar l-hdax ta' Lulju 2005** [fol 121]. Spjega kif dakinhar kien iltaqa ma martu Sharon w t-tifla taghhom l-pjazza taz-Zurrieq hergin mill-iskola. Qal li martu kienet marret fuqu u qaltlu li riedet tkellmu u qalilha biex imorru d-dar biex jitkellmu peress li anke hu ried ikellimha. Marru d-dar, dahlu w t-tifla bdiet tilghab hdejhom. Qal li hu u martu baqghu fil-kcina jitkellmu u qaltlu li kienet semghet li hu kien qed johrog ma xi tfajla u hu qalilha li ma kienx minnu ghal ewwel pero wara qalilha li kien minnu. Qal li hu qalilha li hu kellu n-numru ta' wiehed li kien johrog maghha u sahansitra anke kien cempillu u kien ammetta mieghu li kien veru ghalkemm dan l-individwu ma kienx ammetta mieghu li kellha relazzjoni mieghu.

Qal li ftehmu li jaqtghu minn ma dawk t-tnejn u jibdew johorgu flimkien. Dak l-hin t-tifla kienet tilghab u huma telghu fuq u kellhom x'jaqsmu bejniethom. Qal li damu

hemm sal-hamsa ta' filghaxija u m'argumentawx izjed dakinhar. Qal li qalilha li kien ser icempel lil dik li kien qed jara u jaqta minn maghha.

Qal li martu kienet tghix ma ommha u missierha. Qal li stenniha barra sabiex iggib il-card tat-telefon, harget wara ftit u gabet il-card u f'daqqa wahda harget ommha u qaltilha biex ma tmurx mieghu u hu beda joffendi lil ommha u hi bdiet toffendi lilu. Qal li l-glieda li kellu ma kienetx ma Sharon izda ma ommha. Qal li wara bdiet tghidlu biex jitlaq pero hu baqa hemmhekk. Qal li hu qal lil martu tmur mieghu pero hi baqghet hemmhekk u ghalhekk qabad u telaq.

Qal li l-ghada ltaqghu l-Belt hu u martu u din bdiet tibki u qaltlu li kienet marret ghand il-Pulizija flimkien ma ommha w ghamlet *statement* in konnessjoni mal-kaz odjern. Qal li x'qalulha l-Pulizija, lilu ma qaltlux. Filghaxija mar d-dar u gew l-Pulizija ghalih u spicca arrestat w irrilaxxja stqarrija.

Cahad li hi qaltlu li ma rieditx li jkollha x'taqsam mieghu u li f'xi hin kien heddidha. Cahad wkoll dak li qalet martu dwar il-flixkun tal-whisky ghaliex fil-fatt fid-dar ma hemmx fliexken tal-whisky. Cahad wkoll li kien rabatha bil-wire tal-inxir u fil-fatt zied jghid li dan kien ilu mormi fiz-zibel. Qal li kien skantat kif martu qalet hekk fuqu u li hafritlu ghal affarijiet li hu qatt ma ghamillha. Qal li mill-ewwel qalilhom lil Pulizija li hu ma kien ghamlilha xejn. Qal li martu ghandha cavetta tad-dar u gieli tidhol fid-dar tieghu u li martu ghandha dak kollu li hu ghandu f'daru. Qal li fil-post hu kien jghix wahdu ghaliex martu kienet tghix ghand il-genituri taghha u ghamlet zmien tghix Dar Mehba Bik.

Qal li hu qatt ma uza vjolenza fuq martu u li din kienet marret Dar Merhba Bik ghaliex ma kienx jogghoba li hu johrog u jdum barra u fil-fatt missierha lanqas ma kien accettaha d-dar w ghalhekk marret hemm.

Spjega li ma kienx jaf kemm damet Dar Merhba Bik martu ghalkemm kien imur jaraha hemmhekk. Qal li l-Pulizija kienet laqqghatu ma martu u hu kien qalilha li b'dak li kienet qed tghid fuqu kien ser jispicca l-habs ghaliex kien

ser jigi emmnut. Qal li martu ma kienetx qed tghid il-verita fuqu.

Qal li llum il-gurnata r-relazzjoni tieghu ma martu hija wahda tajba. Qal li hi llum il-gurnata qed tghix l-Ingilterra u hu rrikoncilja ruhu maghha. Qal li l-glied kien dejjem ikun m'ommha u mhux ma martu.

Ikkunsidrat:

Illi mill-atti processwali jirrizulta li Sharon Dabia kienet irrinuncjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta' zewgha l-imputat nhar l-erbgha ta' Dicembru 2002 kif jirrizulta mill-verbal a fol 57 u darb'ohra nhar t-tlieta ta' Mejju 2004 [fol 138].

Issa f'dan il-kaz l-artikolu 544 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

*"Ma jistghux isru proceduri kriminali, hlief fuq talba tal-parti privata, f'ebda wiehed mill-kazjiet li gejjin:*

*a. stupru vjolenti [artikolu 198];*
*b. serq ta' persuna [artikolu 199];*
*c. attentat vjolenti ghal pudur [artikolu 201].*

*Izda meta xi wiehed minn dawn d-delitti jsir bi vjolenza pubblika jew flimkien ma reat iehor li jolqot l-ordni pubblika, l-azzjoni kriminali titmexxa ndipendentement mill-azzjoni tal-parti privata."*

Ma hemmx dubbju li l-imputat hu akkuzat principalment bir-reat kif dispost fl-artikolu 198 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe stupru vjolenti fil-konfront ta' martu w ghalhekk hi mehtiega l-kwerela taghha.

Ma jirrizultax mill-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Lulju 2002 (fol 52) li l-imputat gie akkuzat b'xi delitt li sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma reat li jolqot l-ordni pubblika w ghalhekk l-azzjoni ma tistax titmexxa ndipendentement mill-Pulizija Ezekuttiva. In vista ta' rinunzja tal-kwerela da parti tal-

allegata vittma, **l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza ta' stupru vjolenti**.

**Fit-tieni lok** l-imputat gie akkuzat bir-reat t'arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi kif dispost fl-artikolu 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif aggravat bl-artikolu 87(1)(g) tal-istess Kap.

Illi sabiex tirnexxi din l-akkuza, il-Qorti trid temmen versjoni wahda u tiskarta l-ohra, u dan ghaliex z-zewg versjonijiet kif moghtija mill-imputat u mill-vittma, huma konfliggenti ghall-ahhar u djametrikament opposti.

Illi d-Difiza bdiet t-trattazzjoni taghha billi fakkret lil Qorti dwar l-grad ta' prova li hija rikjesta fil-kamp penali u cioe r-regola generali li l-oneru tal-prova huwa mixhut fuq il-Prosekuzzjoni li qed takkuza [vide **Il-Pulizija v Antonio Schembri** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-dsatax ta' Dicembru, 1936***].

Ghalhekk din il-Qorti bhal kull Qorti ohra, hija fid-dmir li ssib htija tal-imputat jekk il-provi tal-Prosekuzzjoni huma totalment sodisfacenti u li m'ghandhux jkollhom l-ebda dubbju dwar il-kolpevolezza tal-imputat. L-icken dubbju kkawzat f'dawn l-provi jew bil-provi prodotti mid-Difiza, ghandu per forza jmur favur l-imputat li ghandu mmedjatament jigi ddikjarat liberat. Din hija il-prassi legali f'dan il-pajjiz [vide **Il-Pulizija v Austin Joseph Psaila et** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' April, 1992***].

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Settembru, 1994*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Philip Zammit et** u tghid pero mhux kull ickem dubbju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li 'dubbju ikun dak dettat mir-raguni.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa importanti wkoll li l-Qorti tfakkar lil partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi indizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appel Kriminali nhar d-disgha ta' Gunju, 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader** hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet ***Teper v The Queen [1952] AC 480, 489***.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Ottubru, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et**, li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, l-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu isir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista jghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif wkoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti u cioe li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi ghalhekk din l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti u cioe dik proposta mill-vittma u dik proposta mill-imputat li jichad dak li gie allegat fil-konfront tieghu.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjuza ghal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u hadet z-zmien taghha sabiex tigbor u tisma viva voce il-provi kollha u ghalhekk kkontrollat il-kredibilita u veracita tax-xhieda prodotti quddimeha. Din il-Qorti ghalhekk ghamlet l-ezami taghha tax-xhieda ai termini tal-artikolu 657 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi evalwat l-imgieba w il-karattru ta' kull xhud li semghet u li ghamlet apprezzament taghhom ghal mod ta' kif x-xhieda wiegbu ghad-domandi li sarulhom quddiemha, ghal kull interess li setgha kellhom x-xhieda u b'hekk uzat l-kriterji kollha li l-ligi taghtiha sabiex kienet f'posizzjoni li tikkontrolla il-kredibilita tax-xhieda, u hu appuntu minhabba li l-Qorti hija rinfaccjata b'verzjonijiet konfliggenti tal-fatti li kellha taghmel dan l-apprezzament tax-xhieda u tal-provi kollha mressqa sabiex tara liema verzjoni sejra taccetta u hu biss wara li ghamlet dan l-ezercizzju li ghandha tara jekk jibqghux d-dubbji ragjonevoli fiha jew le.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Settembru 2002*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjiegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jista jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandha tillibera, jew jekk dan moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta u jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed ssib htija '*on a balance of probabilities*' u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Fil-fatt kif gie sottolineat mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Illi qabel ma tifli x-xhieda li semghet fid-dawl ta' din l-akkuza, il-Qorti thoss li ghandha tispjiega x'inhuma l-elementi tar-reat ta' sekwestru ta' persuna.

**L-artikolu 86 tal-Kap 9 jiddisponi li**:

*"Kull min bla ordni skond l-ligi t'awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li finhom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, jarresta, jzomm je jissekwestra lil xi persuna kontra l-volunta taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata."*

Illi ghalhekk minnufih jirrizulta li bniedem jista jinstab hati ta' din l-akkuza una volta u principalment m'ghandhux ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti u dan hu partikolarment li l-imputat ma kellux awtorita skond l-ligi ta' awtorita kompetenti biex jarresta lil xi hadd. Izda min naha l-ohra, jista jinghad li dan b'xi mod arresta, zamm jew issekwestra lil Sharon Dabia?

Din il-Qorti tara li l-element tal-artikoli relevanti ghal dan il-kaz huma tnejn ghal dak li jirrigwarda definizzjoni. L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna w it-tieni hu li tali sekwestru ghandu jsir kontra l-volunta tal-persuna sekwestrata. L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi, fil-fehma tal-Qorti, t-tehid jew t-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza.

Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt lil persuna ghal moviment liberu taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma "sekwestru" f'dan il-kuntest. Dan huwa wkoll evidenti mill-intestatura tas-sub artikolu tal-Kap 9 li tahtu jaqa dan l-artikolu <u>l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat tal-awtorita pubblika</u> jindika li taht dan l-Kap jaqa agir li jekk kommess min minn ghandu awtorita ma jkunx punibbli. It-teorija tal-arrest illegali, abbraccjat ghalhekk mhux biss l-arrest fiziku u furzat, imma l-arrest bl-ingann.

Fi kliem l-awturi **Smith & Hogan** l-arrest jissusisti '*by words alone if one suibmits.*' [vide **Il-Pulizija v Albert Cassar** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Novembru 1990***.]

**Maino** fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale*** jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bhal artikolu 86 taghna a fol 112 para. 788; Vol II billi jghid:

"*Il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia <u>assoluta</u> e avvenga in circostanze tali da togliere alla vitma <u>ogni</u> possibilita di scampo o di soccorso*"

Ma jirrizultax li kien hemm xi forza fizika fit-tehid tal-vitma fid-dar matrimonjali tal-imputat. Jirrizulta bla tlaqliq ta' xejn li l-vittma marret minn rajha fid-dar tal-imputat flimkien ma bintha u zgur li sa dak l-hin ma kienetx qed tigi sekwestrata ghaliex marret minn rajha; m'ghamlet ebda agir ta' rimostranza.

Il-Qorti hija propensa li temmen lil imputat f'dak li qal dwar dak li gara waqt li l-vittma kienet fid-dar tieghu ma binthom u cioe li kellhom x'jaqsmu ma xulxin voluntarjament u kien meta l-imputat iggieled m'ommha li giet imhajjra taghmel r-rapport li ghamlet.

Mid-diversi xhieda li xehdu prodotti mill-Prosekuzzjoni, ma jirrizulta li l-imputat kien xi persuna vjolenti fuqha jew li hi qatt dehret imbezzgha minnu. In oltre, mill-ezami mediku li sar l-ghada tal-allegat incident, ma jirrizultax li kien hemm xi marki t'aggressjoni li jindikaw xi uzu ta' forza fizika zejda jew in oltre xi marki li jindikaw li hija giet marbuta b'xi hbula, spag jew wires kif qalet hi.

It-tabib li ezamina lil vittma, b'mod car w univoku jghid li fl-ezami li ghamel ma kienx hemm *bruising* jew *lacero contused wounds* fil-vulva taghha. Ma kien hemm ebda feriti fil-vagina taghha ghalkemm Saharon Dabia stqarret li l-imputat kien vjolenti maghha, ippenetra go fiha u ejakula fiha. In oltre, t-tabib jghid li l-vittma qaltlu li zewgha kien uza forza fizika fuqha, tant li anke taha daqqa ta' ponn fuq wiccha u sahansitra rabatha minn rasha sa saqajha. Izda meta huwa ghamel l-ezami mediku ma sab ebda sinjali medici li juru dan. In oltre, fl-edba hin ma semmitlu li rabatha b'xi charger jew wire tal-inxir. Huwa ma sab ebda sinjali ta' forza fuq il-gisem taghha.

Illi in vista ta'dan kollu l-Qorti ma tistax thossha konvinta li dak li allegat l-vittma Sharon Dabia, huwa minnu w il-Prosekuzzjoni donnha riedet lil Qorti li temmen l-vittma anke in vista tal-fatt li fid-dar tal-imputat verament instab wire [charger] tal-mobile u habel tal-inxir.

Il-Qorti, fid-dawl tas-suespost, ma thossx li tali xhieda cirkostanzjali ghandha tammonta ghal prova ndizzjarja li

hija univoka u twassal lil Qorti li tiskarta kull dubju dettat mir-raguni.

Il-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni taghha hasset li din l-akkuza ta' sekwestru hija cirkostanza aggravanti ghar-reat ta' stupru u ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuza ta' sturpru.

Il-Qorti ma taqbilx ma din s-sottomizzjoni ghaliex r-reat ta' stupru u dak ta' sekwestru ta' persuna huma zewg reati distinti u separati.
**Dwar t-tielet akkuza**, u cioe dik ta' ferita fuq il-persuna ta' Sharon Dabia, **il-Qorti ma thossx li din l-akkuza tirrizulta ppruvata w ghalhekk qed tillibera lil imputat minnha wkoll**.

**Il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 198 u l-proviso tal-artikolu 544 tal-Kodici Kriminali, l-artikolu 86, 87, 214, 221 u 222 tal-Kodici Kriminali, **tiddikjara li qed ssib lil imputat DABIA ABDUL BASET <u>mhux hati</u>** tal-akkuzi kollha kif addebati fil-konfront tieghu bl-aggravji kollha, **salv ghar-reat ta' stupru, mill-liema reat qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni u tilliberah minnhom.**

<u>**Il-Qorti tordna li l-isem u partikolaritajiet tal-imputat kif wkoll dawk tal-vittma m'ghandhomx jigu pubblikati fuq il-mezzi kollha tax-xandir u dan stante in-natura tal-kaz.**</u>

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------